**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 139/2016 CFF**

**Marco Pisani**

**Vs**

**KPM Marine Services Limited**

**Illum 5 ta' Novembru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur fejn talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' hdax-il elf disa' mija u seba' u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€11,937.25) hlasijiet ghall-xoghol imwettaq b'impieg ghalihom.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' dan l-Att, bl-ispejjez kontra l-intimata socjeta' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta** tas-socjeta' intimata fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' intimata ma ghandha thallas ebda ammont lir-rikorrenti kif huwa qed jiprospetta u dana peress li x-xoghol li kien miftiehem bejn il-partijiet effettivament ma sarx u dana kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza. Illi jsegwi ghalhekk li s-socjeta' esponenti ma ghandhiex tigi kkundannata taghmel ebda hlasijiet kif qed jigi mitlub fl-avviz fl-ismijiet hawn fuq premessi;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

Rat li fl-affidavit ta' Marco Pisani[1], dan jghid li huwa licenzjat minn skola rikonoxxuta internazzjonalment li huwa jista' jahdem fuq bahar bhala kaptan. F'Mejju tat-2015 Philip Cardona u certu wiehed Kevin offrew lil Marco Pisani sabiex jahdem bhala kaptan fuq il-lanca taghhom MV ALICE. Pisani jghid li l-ftehim kien li kien se jitla' l-Egittu biex inizzel il-lanca ghall-Maldives, jigi lura Malta, u jerga' jitlaq lejn il-Maldives ghal ghaxar snin. Ghall-ewwel bicca xoghol u cioe' li inizzel il-lanca l-Egittu, liema xoghol kien se jiehu bejn wiehed u iehor tlett xhur, Marco Pisani talab paga ta' €2,500 fil-gimgha stante li xoghlu kien jinvolvi certu sogru minhabba li kien qed igorr armamenti ghall-pajjiz tal-Maldives. Il-kumpanija KPM Services Ltd ma accettatx li thallas dak l-ammont u fuq kuntratt ta' ghaxar snin. B'hekk Marco Pisani accetta li jiehu paga ta' €2,000 u peress li l-kuntratt kien ghal ghaxar snin, telaq minn Malta. Kien hemm xi arrangamenti ohrajn oltre l-paga ta' €2,000 bhal per ezempju spending money, off shore money allowance u rati tal-granet tas-Sibtijiet u l-Hdud. Fl-ewwel meeting li kellu ma Philip u Kevin, dawn tawh €750 bhala garanzija sabiex Marco Pisani ma jimbarkax fuq lanca ohra. Fil-bidu tax-xahar ta' Settembru, 2015, Kevin u Philip ghamlu kuntatt ma Marco Pisani fejn dawn infurmawh li kien wasal iz-zmien sabiex isiefer izda Pisani xtaq li l-ewwel isir l-iffirmar tal-kuntratt. Kevin u Philip infurmawh li dan kien se jsir jumejn qabel ma jsiefer, izda fil-11 ta' Settembru, 2015 kienu nfurmaw lill-Marco Pisani li kellu jsiefer l-Egittu l-ghada u bil-genn, il-kuntratt hareg minn mohh Marco Pisani. Kif miss l-art tal-Egittu u ltaqa' ma Philip Cardona, Marco Pisani fakkru rigward il-kuntratt izda Philip Cardona qallu sabiex ma jinkwetax stante li postu kien sikur. Matul it-tlett xhur li ghamel l-Egittu, Marco Pisani dejjem ghex fuq il-lanca Alice u anke hadem fuq l-arrangamenti tal-Alice izda ma kellux facilitajiet ta' toilet, shower u lanqas post fejn jiekol. F'dan il-perjodu daqqa kien hemm Philip Cardona u daqqa kien hemm Mario. F'xi zmien wara, is-sur Mario kien infurma lil Marco Pisani li kellhom inaqqsu mill-paga tieghu stante li ma kienux rebhu l-kuntratt mal-Gvern tal-Maldives. Fil-fatt wara li ghaddew it-tlett xhur gewwa l-Egittu, Marco Pisani rega' gie lura u f'Dicembru rcieva s-somma globali ta'

[1] Ara fol 18 tal-process

€2,400, izda s-somma li fil-verita' skont hu li kellu jiehu hija ta' €18,424.00. Dak inhar, apparti l-flus, kienu tawh anke Toyota Starlet bhala garanzija li kienu se jhallsu l-kumplament tal-flus. Izda habta u sabta, Philip u Mario hadu l-karozza minn wara l-bieb ta' Marco Pisani bl-affarijiet personali ghadhom gol-vettura. Minhabba li Marco Pisano ma thallasx tax-xoghol li ghamel, gie kkundannat b'sentenza ta' prigunerija sospiza minhabba li ma setax ihallas il-manteniment tat-tifla. Meta fl-2016, Kevin Cardona rega' offra xoghol lil Marco Pisani, ikkonferma li l-flus li kellu jiehu ma kienx ser jiedohom qatt u ghalhekk Marco Pisani ma accettax li jahdem ma KMP Services. Ghadu sallum bla impjieg.

Rat illi Daniella Theuma li tigi oht Marco Pisani, fl-affidavit taghha tal-5 ta' Dicembru, 2016 tikkonferma li Marco Pisani kien sab xoghol bhala kaptan u li kellu jaqbad titjira ghall-Egittu u minn jaqbad lanca ghal Maldives fejn kellu jiffirma kuntratt ghal ghaxar snin. Tikkonferma wkoll li meta kienu jcemplu lil xulxin permezz tal-"Viber" kienet tara l-istat hazin li Marco Pisani kien jghix fih. Wara li kien dam tliet xhur l-Egittu, Marco Pisani gie lura Malta fejn kien infurmaha li l-imghalmin tieghu ma kellhomx xoghol ghalih stante li ma hadu l-ebda kuntratt.

Rat illi Lorraine Farrugia li tigi l-partner ta' Marco Pisani, fl-affidavit taghha tal-5 ta' Dicembru, 2016 tikkonferma illi ghal habta ta' Mejju, Philip Cardona kien offra xoghol lil Marco Pisani u sabiex dan ta' l-ahhar jintrabat mieghu u ma jsibx xoghol xi mkien iehor, kien inghata l-ammont ta' €750 cash. Lorraine kienet tmur kemm-il darba ma Marco jfittex il-mapep li kienu jqabbduh ifittex ghalihom Mario, Kevin u Philip. L-informazzjoni li kellu Marco kien li kellu jmur l-Egittu ghal tliet xhur biex minn hemm imur il-Maldives permezz ta' lanca u wara l-festi kellhom jitilghu l-familja ta' Philip kif ukoll Lorraine Farrugia biex jghixu l-Maldives ghal ghaxar snin. Marco Pisani telaq minn Malta fit-12 ta' Settembru, 2015 u gie lura Malta fis-6 ta' Dicembru, 2015. Kienu jsiru diversi telefonati u tahditiet bejn Lorraine Farrugia u Mario, Philip, Kevin u sahansitra anke l-mara ta' Philip. Wara li gie lura Malta, Marco Pisani kellu problemi mal-imghalmin tieghu stante li dawn kienu ghadhom ma halsuhx il-paga dovuta. Dawn ta' l-ahhar taw lil Marco Pisani karozza sabiex iserhulu mohhu izda ftit tal-granet wara, u minn wara l-bieb tad-dar tieghu, hadu din il-karozza. Gewwa l-karozza kien hemm gakketta u €200 flus li Marco Pisani qatt ma rega' ra.

Rat li Doris Pisani li tigi omm Marco Pisani, fl-affidavit taghha tas-6 ta' Dicembru, 2016 tikkonferma illi Marco telaq minn Malta fit-12 ta' Settembru, 2015 sabiex jahdem bhala Kaptan u gie lura Malta fis-6 ta' Dicembru, 2015. Kien ikun hemm hafna komunikazzjoni permezz tal-"Viber" bejn Doris u Marco u fil-fatt tikkonferma li Marco kellu jinghata kuntratt ta' ghaxar snin jahdem il-Maldives bhala kaptan. Kull meta Doris Pisani saqsiet lil Marco Pisani jekk kienx iffirma l-kuntratt, ir-risposta dejjem kienet tkun wahda negattiva.

Rat li Charles Pisani li jigi missier Marco Pisani, fl-affidavit tieghu tas-6 ta' Dicembru, 2016 jikkonferma illi Marco telaq minn Malta fit-12 ta' Settembru, 2015 sabiex jahdem bhala Kaptan u gie lura Malta fis-6 ta' Dicembru, 2015. Waqt li Marco kien l-Egittu, Charles kellu kuntatti ma Mario wiehed mill-imghalmin ta' Marco rigward il-paga ta' Marco. Il-ftehim kien li dan Mario jghaddi s-somma ta' €1,200 lil Charles u wara diversi tentattivi ta' kuntatti ma Mario, qatt ma sar xejn minn dan. Meta eventwalment Mario ghamel kuntatt ma Charles, ried itih is-somma ta' €300 biss liema somma ma accettax Charles Pisani. Charles ghamel diversi kuntatti ma Marco Pisani permess tal-"Viber" u kull meta kien jistaqsi jekk Marco ffirmax il-kuntratt, ir-risposta kienet dejjem tkun wahda negattiva.

Rat li Roger Mahlangu, fl-affidavit tieghu tal-24 ta' Frar, 2017, jghid li Marco mar l-Egittu bhala kaptan fuq vapur bl-isem ta' ALICE mal-kumpanija KMP Services ghal zmien tlett xhur. Marco kien qal lil Roger li kien se jkollu paga ta' elfejn ewro fix-xahar b'kuntratt ta' ghaxar snin u li kien se jkun hemm xi arrangamenti dwar il-paga. Roger jispjega li kien jikkomunika ma Marco kwazi kuljum permezz tal-facebook tat-tfajla tieghu Lorraine Farrugia. Marco kien spjega li meta kien l-Egittu, kellu jkun duty kuljum minhabba li kien il-kaptan tal-vapur, izda ma kellux facilitijiet bhal kcina, toilet, u shower. Infatti, kien hemm granet fejn Marco ma setax jinhasel. Roger kien isaqsi lil Marco jekk iffirmax il-kuntratt u kemm kien fadallu biex jerga' jigi lura Malta. Marco kien iwiegbu li l-kuntratt ghadu ma ffirmahx u ma jafx meta se jitilqu mill-Egittu ghal Malta. Inoltre, Roger jispjega li Marco hadem fuq id-dghajsa biex jirrangaha, u meta kienet lesta, flok mar ghal Maldives, kif kien l-intendiment originali, kellhom jergghu lura Malta. Marco ma thallasx il-flus kollha dovuti lilu izda kien cert li kien se jithallas, u

bhala serhan tal-mohh, il-kumpanija kienet tatu karozza tat-tip Toyota Starlet griza izda kien hemm okkazjoni fejn Marco hareg mid-dar u ma sabx il-karozza fejn halliha ghaliex haduha l-kumpanija. Roger jghid li kienet il-kumpanija ghaliex peress li huma kienu taw il-karozza lil Marco u ghalhekk tawh cavetta, wisq probabbli kellhom cavetta spare. Jispjega li gewwa l-karozza kien hemm affarijiet personali ta' Marco u ghalhekk meta l-karozza ttiehdet, ittiehdet bl-affarijiet tieghu ghadhom go fiha.

Rat li Jacqueline Farrugia, fl-affidavit taghha tad-9 ta' Frar, 2017 tghid li hija tigi omm Lorraine, l-gharusa ta' Marco Pisani. Tghid li Marco kien gie ghandha ferhan u qalilha li sab xoghol bhala kaptan tal-kumpanija KMP ghal tlett xhur fuq vapur bl-isem ALICE. Tispjega li t-tifla taghha kienet kemm ferhana ghal Marco u kemm imdejqa li mhux se tarah waqt li jkun qed jivjagga. Marco informa lil Jacqueline li kellu jmur l-Egittu, umbghad jibqa' sejjer il-Maldives u ghalhekk kienet inkwetata minhabba li f'dak it-tragitt seta' jiltaqa' ma xi pirati, izda Marco kien lest jissogra hajtu ghal elfejn ewro fix-xahar, paga. Jacqueline tiftakar li Marco kien jixtri hafna mapep specjali u infatti kienet jew twasslu hi jew isselfu l-karozza taghha peress li Marco ma kienx isuq. Hi u t-tifla kienu wasluh fuq id-dghajsa u kien jikkomunika maghhom kuljum permezz tal-messenger call ta' facebook, fejn Marco kien jurihom l-ambjent li qed jghix fih, kif ukoll id-dghajsa. Jacqueline tispjega li d-dghajsa ma kienitx lesta u Marco lanqas kellu fejn jinhasel, toilet jew kcina. Inoltre tghid li Marco, peress li kien il-kaptan, kien ikun duty kuljum. Meta kienu jitkellmu, Jacqueline kienet qed issaqsih jekk iffirmax il-kuntratt u meta kienu sejrin lejn il-Maldives, izda Marco kien jinformaha li l-kuntratt ghadhom ma ghamluhx u ma kellux informazzjoni ta' meta sejrin lejn il-Maldives. Fil-fatt, iz-zmien li kellu jaghmel il-Maldives, ghamlu kollu l-Egittu jirranga dak li kien hemm bzonn fid-dghajsa. Kif kienet lesta d-dghajsa, regghu gew lura Malta u l-kumpanija ma halsitx lil Marco tax-xoghol li kien ghamel, izda minflok, tawh karozza second hand, Toyota Starlet. Kien hemm okkazjoni fejn Marco hareg biex juza l-karozza, u ma sabhiex, u l-affarijiet personali tieghu u tat-tifla taghha Lorraine, keinu ghadhom gol-karozza. Hija tghid li l-kumpanija kellhom spare keys tal-karozza.

Rat li Charlo Theuma, fl-affidavit tieghu tal-5 ta' Dicembru, 2016, jghid li huwa r-ragel ta' oht Marco Pisani. Ikkonferma li Marco Pisani nformah li kien se jkun kaptan fuq lanca u xoghlu kien li jmur l-Egittu biex hemmhekk jaqbad lanca u jmur Maldives fuq

xoghol. Jikkonferma li l-kuntratt kellu jkun ta' ghaxar snin u dan jafu ghax Marco kien saqsih dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol li jinkludu, basic wage, danger money, insurance, working wage on weekends, payment during stand by hours, working during public feasts, overtime. Charlo jispjega li wara tlett xhur, Marco Pisani rega' gie lura Malta ghaliex il-kuntratt tal-Maldives ma giex konkluz mill-kumpanija KMP. Peress li kien jikkomunika ma Marco Pisani permezz tal-"viber", kien jara li Marco Pisani kien jorqod u jqum fuq il-lanca u jghix f'kundizzjonijiet ta' mizerja.

Kevin Attard, jispjega li kellu lanca li kellha bzonn xi restawr minhabba li hu u l-partner tieghu kienu se jidhlu f'kuntratt ma kumpanija biex iqassmu l-ikel bil-lanca, u kellhom bzonn kaptan ghal vapur. Il-partner tieghu, Mario Cardona kien issuggerixxa lil Marco Pisani u kien ghalhekk li ltaqghu. Marco Pisani talab elfejn ewro fix-xahar bhala paga, u Kevin Attard u l-partner tieghu accettaw, basta li jsir ix-xoghol fuq il-lanca, il-lanca tinzel il-bahar u l-kuntratt isir mal-kumpanija. Marco Pisani gie nfurmat li l-lanca fadlilha xi tlett xhur biex titlesta u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li Marco Pisani jitla' l-Egittu ghalissa u li kienu se jinfurmawh xi gimghatejn qabel ma titlesta l-lanca biex jibda jipprepara. Izda Marco Pisani qalilhom li la fadal tlett xhur biss, kien lest li jitla' l-Egittu. Kevin Attard u l-partner tieghu spjegawlu li ma jistghux ihallsuh la l-lanca mhux qed tahdem, u Marco Pisani nsista xorta wahda li jitla'. Gara li wara xahrejn u nofs li Marco Pisani kien l-Egittu, Kevin Attard ircieva telefonata li x-xoghol thassar u li ghalhekk kien opportun li kif titlesta l-lanca, jinzlu lura Malta. Kevin Attard u Mario Cardona kienu taw xi €2,400 lil Marco Pisani peress li x-xoghol kien thassar u sakemm kien qieghed l-Egittu, paga ma kienux ftehmu. Jispjega li Marco Pisani kien qallu li ghandu xi problemi u jinsab imkisser u kien ghalhekk li nsista li jaqtghulu biljett u jitla' jahdem fuq il-lanca sakemm tkun lesta, umbghad la jibda x-xoghol, jibda jithallas il-paga, izda peress li x-xoghol thassar, ma kienx hemm paga x'jinghata Marco Pisani. Kevin Attard jispjega li Marco Pisani tela' l-Egittu ghax ried hu u mhux ghax qabduh jahdem fuq il-lanca. Tant hu hekk, li l-lanca kellha bzonn xogholijiet ta' hadid u Marco Pisani ma kellux esperjenza jew kwalifiki ghal dak it-tip ta' xoghol. Jikkonferma li hu u Mario Cardona kienu jixtrulu x'jiekol u xi jpejjep izda dwar paga, ma kienx hemm ftehim u fil-fatt lanqas kuntratt ma ghamlu.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jistrieh fuq kwistjoni ta' ftehim li sar bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta fejn din tal-ahhar innegat li kien hemm xi forma ta' ftehim bejn il-partijiet minhabba li kien ghad ma kienx hemm xoghol. Illi mill-fatti tal-kaz johrog li ftehim bil-miktub qatt ma kien hemm bejn il-partijiet u ghalhekk din il-Qorti trid tistrieh fuq ix-xhieda mghotija u fatti ohrajn li johorgu mill-kaz.

**Ftehim Mhux Miktub**

Indubjament ghal konkluzjoni ta' kuntratt jehtieg li jkun hemm il-manifestazzjoni tal-volonta' tal-partijiet li jaslu ghal ftehim unilaterali bejn il-partijiet. Ir-raguni hi wahda cara ghaliex dan il-ftehim unilatrali bejn il-partijiet tohloq ir-relazzjoni guridika fl-effetti kollha taghha u taghti lill-kuntratt il-forza ta' ligi li jsemmi l-Artikolu 992 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi ghalhekk dan il-kuntratt allura jkollu "l-effett bejn il-partijiet kontraenti biss" kif jinghad fl-Artikolu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz in ezami l-partijiet ma ffirmaw ebda skrittura bejniethom. Illi l-ftehim ta' bejniethom ma kienx wiehed li jaqa' taht dak li hemm fl-artikolu 1233 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-prova skritta hija espressament mitluba taht piena ta' nullita. Illi ghandu jinghad li ma jfissirx illi prova tal-ftehim ma setghetx tingieb permezz ta' provi ohra minhabba l-fatt li ma kienx hemm skrittura bhal per ezempju ammissjoni stess tal-parti jew provi ohrajn li jwasslu lil Qorti tasal ghal konkluzjoni li dak mifthiem verbalment kellu jkun il-ftehim tal-partijiet. Il-gudikant allura hu tenut biex jivvaluta c-cirkostanzi dedotti minn dawn il-provi testimonjali u cirkostanzi ohrajn sabiex tevalwa r-relazzjoni bejn il-partijiet fuq dan il-ftehim verbali li sar.

Kif wiehed kien janticipa s-socjeta` konvenuta ghamlet enfasi qawwija fuq il-kwistjoni li qatt ma gie ffirmat kuntratt jew li kien hemm ftehim kif qieghed jghid l-attur. Evidentement, jidher car anke jekk din il-Qorti tammetti li kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet u taccetta wkoll li ghal tali ftehim ma kienx jokkorri l-kitba, il-Qorti ma tistax, imbaghad, tiskarta l-fatt illi l-istess partijiet riedu li ghall-validita` tieghu l-ftehim kellu jigi redatt bil-miktub u ffirmat minnhom ilkoll. Fil-fatt johrog bic-car minn dak li qal l-istess l-attur Marco Pisani fl-affidavit tieghu (a fol 18) fejn stqarr li l-kuntratt kellu jkun ta' ghaxar snin u kellu jinghata paga ta' elfejn Ewro (€2000) fix-xahar. Dan il-ftehim verbali kien sar f'Mejju 2015 u sabiex ma jintrabatx fuq bastiment iehor inghata

seba' mija u hamsin Euro (€750). Illi kwazi hames xhur wara u cioe' f'Settembru 2015 kien ghadu ma ffirma ebda kuntratt u fil-fatt skont hu kienu kelmuh kemm Philip u Kevin tas-socjeta konvenuta sabiex jitla' lejn l-Egittu u l-kuntratt baqa' ma giex iffirmat. Illi ghalhekk skont Marco Pisani dak li kien mifthiem mas-socjeta' konvenuta kellu jkun mnizzel b'kuntratt u mhux kwistjoni verbali ta' bejniethom biss.

Illi fuq dan il-ftehim ma gie esebiet ebda korrispondenza jew dokumenti ohra li juru x'seta' kien dan il-ftehim verbali bejn il-partijiet. Illi ghandu jinghad li dokument esebit li jinsab a fol 22 u mmarkat bhala dok MP 2 juri li certu Mario Cardona hallas s-somma ta' elfejn u erba mitt (€2400) Euro fil-15 ta' Dicembru 2015 lil Marco Pisani. Illi pero' ghandu jinghad li fih ma hemm xejn x'kienet ir-raguni ghal tali hlas. Illi pero fix-xhieda li ta l-istess Kevin Attard ghas-socjeta' konvenuta ikkonferma fatti importanti minn dak li qal fl-affidavit tieghu Marco Pisani.

Illi f'dan il-kaz gie kkonfermat li s-somma mghoddija qabel ma' beda jahdem kienet inghatat lil Marco Pisani sabiex ma jimbarkax fuq vapur iehor haga li semma l-istess attur Marco Pisani. Illi gie kkonfermat ukoll li s-somma ta' elfejn u erba mitt Euro gew mghoddija wkoll lil Marco Pisani wara li kienu gew lura mill-Egittu. Illi jidher ukoll li hemm qbil li l-paga li kien se jkollu Marco Pisani kienet dik ta' elfejn Euro fix-xahar u dan gie kkonfermat ukoll minn Kevin Attard fix-xhieda tieghu (a fol 191). Illi min-naha ta' Kevin Attard din il-paga kienet sejra tinghata wara li l-vapur ikun lest mix-xoghol u jiehdu l-kuntratt li kellhom sabiex jaghtu supplies lil xi kumpanija ohra izda mhux qabel.

**Ikkunsidrat**

Fuq dan hemm konkordanza pjena mill-partijiet u x-xhieda taghhom, *inter alia*, Kevin Attard u Marco Pisani li l-paga kellha tkun ta' elfejn Ewro fix-xahar u Marco Pisani jibda jahdem fuq il-vapur taghhom. Illi d-divergenza hija dwar il-fatt li ghad ma kienx hemm kuntratt ma' kumpanija li se tibda tircievi s-servizz tas-supplies minn ghand is-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li taghti paga lil Marco Pisani. Illi Kevin Attard minn naha tieghu kompla jghid li ma kienx hemm raguni ghala Marco Pisani kellu jitla' gewwa l-Egittu meta x-xoghol fuqha ma kienx ghadu lest. Illi skont l-istess xhud, Marco Pisani tela' minn jeddu gewwa l-Egittu fejn inhareg biljett tal-ajru. Illi pero ta' min jinnota li ebda xhud ma ndika min hallas dan il-biljett tal-ajru jekk kienx l-istess

attur jew inkella s-socjeta' attrici. Illi dan il-fatt huwa ta' mportanza ghal raguni li jekk skont l-istess Kevin Attard l-attur Marco Pisani tela' minn jeddu allura jekk halset il-kumpanija ma kienx jaghmel sens dak li qal dwar ir-raguni li tela. Illi minn naha l-ohra l-istess Marco Pisani fl-affidavit tieghu ma ndika ebda spejjez relatati ma' biljett tal-ajru bhala spiza li huwa dahal ghaliha. Illi ghalhekk ma kienx jaghmel sens li l-istess Marco Pisani jaqbad u jitla' minn jeddu gewwa l-Egittu meta kien jaf li mhux se jithallas ta' xogholu.

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti dak li l-istess socjeta' konvenuta qalet, li l-attur Marco Pisani kien tela minn jeddu ma kienx jaghmel sens li tasal taghtih is-somma ta' elfejn u erba mitt Euro meta nizel lura lejn Malta. Illi ghalhekk din is-somma li thalset kienet sabiex taghmel tajjeb ghal dak il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Illi ghalhekk la ma kienx hemm il-bzonn tal-prezenza tal-attur matul dak il-perijodu tat-tlett xhur, allura lanqas ma kienet tithallas din is-somma mis-socjeta' konvenuta.

Illi jidher pero minn emails li gew esebiti (ara DOK XX6 a fol 154) juru li l-istess attur Marco Pisani kien qieghed jaghmel dawk il-preparamenti sabiex ikun jista' jitla gewwa l-Egittu. Illi jidher minn din il-korrispondenza li kienu qieghdin isiru preparamenti ghal xiri ta' ikel u mapep li kien ikun hemm bzonn ghal perjodu twil. Illi anki f'DOK XX7 jidher li kien hemm korrispondenza diretta ma' Philip Cardona li qieghed jidher f'dawn il-proceduri ghan-nom tas-socjeta' konvenuta fejn l-istess Kevin Attard isejjahlu bhala l-partner tieghu f'din is-socjeta'. Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn l-emails ma jaghmilx sens dak li qal Kevin Attard li l-istess Marco Pisani ried jitla' minn jeddu ghal tlett xhur. Illi jidher b'mod car li Marco Pisani kien qieghed jaghmel dak kollu mehtieg sabiex ikun jista' jitla preparat ghal dak li hemm bzonn sabiex jiehu f'idejh it-tmexxija tal-vapur gewwa l-Egittu. Illi minn din il-korrispondenza jidher ukoll li ma kien hemm ebda diskors bejn il-partijiet biex ma jitlax anzi kien hemm talba sabiex jinghata flus minn qabel minhabba hlas ta' manteniment li kellu jaghti. Illi anki hawn ikompli jsahhah dak li qal l-istess Marco Pisani dwar ftehim li kien hemm fuq hlas tal-paga.

**Ikkunsidrat**

Illi ghandu jinghad li fi kwalunkwe kaz li l-attur kellu jgieb dawk il-fatti kollha fuq dak mifthiem bejn il-partijiet. Illi kif inghad fis-sentenza mghotija fl-ismijiet "**Manuel Zerafa**

**-vs- Nazzareno Muscat Scerri**", Prim'Awla Qorti Civili per Imhallef Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970:-

> *"Bhala konsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-oneru tal-provi in materja ta' pagamenti ta' debiti civili l-Qorti tirritjeni, li, ghalkemm kif dejjem gie ritenut, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova il-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubju ragonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le, dan id-dubbju ghandu dejjem imur favur il-konvenut, ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sa l-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu. U fil-kaz ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe l-attur l-esigibilita` u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, n-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja tal-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-principju "actore non probante reus absolvitur. L-attur li jallega d-debitu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor "reus in excipiendo fit actor", ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali tal-akkuza jibqa' fuqu. Altrimenti f'kull kaz ta' konflitt ikun facli ghall-attur jirbah avolja l-Qorti tibqa' sospiza fi stat ta' dubju jekk hemmx debitu".*

Illi anki fid-dawl ta' dan fis-sentenza fl-ismijiet "**Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966:

> *"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.";*

Kif pacifikament mehtieg fil-gurisprudenza taghna "l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn iwasslu fil-Gudikant dik ic-certezza morali u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". ("**Eucaristico Zammit –vs- Eustrachio Petrococchino**", Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; "Paul Vassallo –vs- Carmelo Pace", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1986).

Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet.

**Ikkunsidrat**

Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, il-Qorti hi tal-opinjoni illi f'dan il-kaz tara li kien hemm ftehim dwar hlas ghal xoghol li kellu jsir mill-attur mas-socjeta' konvenuta. Minn naha l-ohra ma jistax jinghad li ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra. F'tali sitwazzjoni "ma jibqax lecitu ghall-gudikant li tifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur" – ("**Joseph Vincent Rausi noe –vs- Joseph Muscat**", Prim'Awla, Qorti Civili, 22 ta' Novembru 1995).

Illi f'dan il-kaz il-Qorti tara li fil-fatt kien hemm ftehim sabiex l-attur jimbarka fuq il-vapur u jibda jaghti s-servizz tieghu mas-socjeta' konvenuta. Illi huwa minnu li dan il-ftehim ma wasalx sabiex jinkiteb qabel l-attur jimbarka. Illi minn naha l-ohra lanqas jista' jinghad li l-attur tela minn jeddu sabiex joffri servizz bla hlas. Illi l-verzjoni tal-fatti kif imressqa mill-attur huma verosimili ta' dak il-ftehim verbali li kien sar bejn il-partijiet.

Illi huwa mifhum li s-socjeta' konvenuta diga halset is-somma ta' elfejn u erba mitt Euro (2400) f'Dicembru tas-sena 2015 u dan xehedu wkoll l-istess attur fejn sar dan il-pagament lejn l-attur. Illi li jekk skont l-istess socjeta' konvenuta ma kienx hemm ftehim ta' hlas ghax l-attur kien tela' minn jeddu, allura dak il-hlas mghoddi lilu ma kienx jaghmel sens ghal dan ir-ragunament. Il-haga hija jew ghamel xoghol u ma thallasx ta' kollox jew inkella ma kien dovut xejn. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dak li ghamel l-attur fuq il-lanca ghamlu wara l-ftehim li kien sar bejn il-partijiet sabiex jippresta xoghol matul dan il-perijodu li kien qieghed gewwa l-Egittu.

**Decide:**

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba tal-attur b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dik is-somma pretiza minnu fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' hdax-il elf disa mija u seba' u tletin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€11,93,7.25) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors**

**promotur li minnhom ghandhom jitnaqqsu s-somma ta' elfejn u erba mitt Euro (€2400) gia mhallsa.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta u bl-imghaxijiet legali li jibdew jidekkorru mid-data tal-prezentata tar-rikors sad-data tal-pagament effettiv.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**